**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/COMP/128/2025**

[redacted]

**vs**

[redacted]

## ILMENT

1. Illi permezz ta' ittra datata l-20 ta' Frar 2025 li dan l-Uffiċċju rċieva fil-5 ta' Marzu 2025, [redacted] (l-"**ilmentatur**") ressaq ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-"**Kummissarju**") ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (ir-"**Regolament**"),[1] fejn għamel referenza għal tliet (3) kameras ta' sorveljanza installati mal-faċċata tal-proprjetà[2] [redacted] (il-"**kontrollur**"),[3] u allega li dawn il-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tiegħu bi ksur tar-Regolament.

## INVESTIGAZZJONI

2. Illi bħala parti mill-proċedura interna ta' investigazzjoni, il-Kummissarju pprovda kopja tal-ilment lill-kontrollur sabiex din tkun tista' tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha li jidhrilha li huma rilevanti u xierqa sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa fil-konfront tagħha. F'dan il-kuntest, ai termini tal-artikolu 58(1)(e) tar-Regolament, il-Kummissarju ordna lill-kontrollur sabiex tipprovdi kopji tal-*image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza sabiex jiddetermina liema huwa l-ispazju li qiegħed jiġi ssorveljat

---

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

[2] Il-kameras huma installati fuq il-faċċata tal-propjetà bl-indirizz [redacted]

[3] [redacted]ġie nieqes fil-frattemp.

permezz ta' dawn il-kameras. Il-Kummissarju ordna wkoll li jingħata d-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.

3. A bażi tal-fatt li dan l-Uffiċċju ma rċeviex risposta għall-ittra mibgħuta b'kopja tal-ilment, permezz ta' ittra oħra datata t-21 ta' Mejju 2025, il-Kummissarju pprovda l-kontrollur l-aħħar ċans, biex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha sabiex tkun tista' tiddefendi ruħha fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa fil-konfront tagħha. Għal darb'oħra, il-Kummissarju ordna ai termini tal-artikolu 58(1)(e) tar-Regolament sabiex il-kontrollur tipprovdi kopji tal-*image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza u tipprovdi d-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.

4. Illi tenut kont tal-fatt li dan l-Uffiċċju ġie informat li l-kontrollur possibbilment setgħet ma rċevietx l-ittra oriġinali, il-Kummissarju, għal kull buon fini, permezz ta' ittra uffiċjali datata s-17 ta' Ġunju 2025, ipprovda lill-kontrollur b'komunikazzjoni tal-kontenut tal-ittra oriġinali li kien bagħat, fejn reġa' annessa kopja tal-ilment, bl-opportunità, li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha.

5. Illi permezz ta' ittra datata l-25 ta' Ġunju 2025, li dan l-Uffiċċju rċieva fl-1 ta' Lulju 2025, il-Kummissarju ġie pprovdut bis-sottomissjonijiet tal-kontrollur u nnota s-sussegwenti punti ewlenin:

   a. illi l-kontrollur installat il-kameras mal-faċċata tar-residenza in kwistjoni "*...minhabba il-hsara li soffrew fi hwejjighom, serq, u vendikazzjonijiet ohra...*";
   b. illi l-kontrollur għamlet "*...diversi rapporti mal-Pulizija, izda billi ma kellhomx evidenza x'juru tal-hsara u l-vendikazzjonijiet...*";
   c. illi "*m'ghandhomx jispiccaw vittmi tà vendikazzjonijiet u hsara l-ghaliex l-ilmentatur ma jridx ihalli l-cameras tas-sigurtà li wahlu ... biex ihalrsu [sic] hwejjigom u s-sigurtà taghhom.*"; u
   d. illi l-kontrollur indikat ukoll li "*...ser jiehdu hsieb inaqqsu l-angolatura tal-cameras taghhom biex jillimitawha ghall-faccata taghhom...*".

6. Illi l-kontrollur issottomettiet *image grabs* meħudin mill-filmati tal-kameras tas-sorveljanza bħala informazzjoni korrabarattiva mas-sottomissjonijiet tagħha, fejn deher li l-kameras installati ma' ġenb it-twieqi ta' mat-triq, qegħdin fil-maġġor parti jaqbdu spazju pubbliku. L-istess sottomissjonijiet tal-kontrullur però, naqsu milli jipprovdu informazzjoni dwar id-ditta, il-mudell u d-dettalji tekniċi ta' dawn il-kameras.



[redacted]

7. Mill-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet, il-Kummissarju osserva mid-diversi *image grabs* li ġew ipprovduti li ma ngħatax l-*image grab* ta' waħda mill-kameras, u ċioè l-kamera installata mal-ħajt li jħares lejn il-'pjazza'. Addizjonalment, il-Kummissarju nnota li nonostante li l-kontrollur għamlet referenza għall-"*diversi rapporti mal-Pulizija*", hija naqset milli tipprovdi tali evidenza dokumentarja mas-sottomissjonijiet tagħha.

8. Senjament, permezz ta' *email* datat t-13 ta' Novembru 2025, il-Kummissarju talab lill-kontrollur, għal kopji tar-rapporti tal-pulizija li hemm referenza għalihom fis-sottomissjonijiet preċedenti. Il-Kummissarju talab ukoll mingħand il-kontrollur, sabiex jekk il-kameras ġew aġġustati kif spjegat fl-ittra tagħha tal-25 ta' Ġunju 2025, jiġu wkoll ipprovduti dawn l-*image grabs* il-ġodda.

9. Permezz ta' *email* datat l-20 ta' Novembru 2025, il-kontrollur ipprovdiet kopji ta' *image grabs* tal-kameras "*kif gew aggustati*".

10. Fit-3 ta' Diċembru 2025, il-Kummissarju talab lill-kontrollur sabiex issir laqgħa magħha, bl-intenzjoni li s-sitwazzjoni tiġi riżolta mingħajr il-Kummissarju ma jkollu jieħu l-passi korrettivi neċessarji fil-konfront tagħha.

11. Fin-nuqqas ta' risposta mingħand il-kontrollur, permezz ta' *email* datat l-5 ta Diċembru 2025, dan l-Uffiċċju reġa' talab lill-kontrollur sabiex issir laqgħa, fejn ġiet rikjesta tikkomunika lura b'dati u ħinijiet, meta tkun disponibbli għal-laqgħa mal-Kummissarju.

12. Fil-frattemp, l-ilmentatur ipprovda ritratti addizzjonali rigward il-kameras in kwistjoni, li dan l-Uffiċċju rċieva fit-18 ta' Diċembru 2025, liema ritratti indikaw li l-kameras ma jidhrux li ġew aġġustati skont il-gwida pprovduta lill-kontrollur permezz tal-ittra datata l-17 ta' Ġunju 2025 minn dan l-Uffiċċju. Addizjonalment, l-ilmentatur issottometta, illi rigward il-kamera li hija installata mal-faċċata tagħha ta' mal-pjazza, hija installata "*fejn jien* [l-ilmentaur] *għandi entratura nidħol u noħroġ minha. Il-camera tagħha qeda hemm biex tara lili.*"

13. Permezz ta' ittra datata d-9 ta' Jannar 2026, il-Kummissarju ordna lill-kontrollur sabiex taġġusta ż-żewġ (2) kameras installati ma' ġenb it-twieqi tagħha ta' mat-triq ai termini tal-artikolu 58(2)(d) tar-Regolament, jew inkella, jekk ma jistgħux jiġu aġġustati in konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, jitneħħew ai termini tal-artikolu 58(2)(f) tar-Regolament. Addizjonalment, il-Kummissarju ordna, ai termini tal-artikolu 58(2)(f) tar-Regolament, li l-kamera installata mal-ħajt faċċata tal-'pjazza' sabiex din titneħħa.

 [redacted]

14. Permezz ta' ittra datata d-19 ta' Jannar 2026, li dan l-Uffiċċju rċieva fit-23 ta' Jannar 2026, il-kontrollur ipprovdiet is-sottomissjonijiet tagħha u infurmat li *"[ittieħdu] passi korrettivi biex il-cameras tas-sigurtà taghha gew aggustati"* u inkludiet ukoll *image grabs* ġodda. Minn dawn l-*image grabs*, il-Kummissarju nnota li l-kontrollur tabilħaqq ħadet azzjoni sabiex idawwar l-angoli tal-kameras in kwistjoni.

**ANALIŻI LEGALI U DEĊIŻJONI**

15. Illi bħala pass preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissarju eżamina s-suġġett tal-ilment fejn l-ilmentatur allega li l-kontrollur installat *"tlett kameras li kollha jolqtu entratura li huma jghadu minnhom jew altrimenti jaghtu ghat-triq pubblika mnejn jghaddu huma biex jilhqu l-propjeta taghhom"* u li għalhekk, dawn il-kameras qegħdin jipproċessaw id-*data* personali tiegħu mingħajr ebda bażi legali skont l-artikolu 6(1) tar-Regolament.

16. Illi l-Kummissarju jikkjarifika, bħala punt ta' tluq, li kull persuna privata għandha d-dritt li tinstalla kamera tas-sorveljanza mal-proprjetà privata tagħha għar-raġunijiet ta' sigurtà iżda dan għandu jsir b'tali mod li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Dana jfisser li bħala regola ġenerali, il-kamera għandha strettament tħares għal fuq il-proprjetà privata tal-persuna mingħajr ma tissorvelja proprjetà ta' terzi u kif ukoll spazju pubbliku, li jinkludi t-triq.

17. Illi f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li l-artikolu 1 u l-premessa 10 tar-Regolament għandhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistipula li kull persuna naturali għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali li tirrigwardha.

18. Illi s-sorveljanza fil-forma ta' vidjo li mhijiex kostretta għall-konfini tal-proprjetà residenzjali tal-persuna, u li tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ħżin kostanti ta' spazju pubbliku u, jew proprjetà ta' terzi, tikkostitwixxi pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tal-artikolu 4(2) tar-Regolament. Dan għaliex din l-attività ġġib magħha l-ġbir u ż-żamma ta' *data* personali tal-persuni fiżiċi li jidħlu fl-ispazju mmonitorjat li huma identifikabbli fuq il-bażi tad-dehra tagħhom. Intant, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li *"l-immaġni ta' persuna rreġistrata permezz ta' kamera tikkostitwixxi data personali fis-sens tad-dispożizzjoni*

*msemmija fil-punt preċedenti sa fejn hija tippermetti li tiġi identifikata l-persuna konċernata".*[4]

19. Illi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza '*Ryneš*'[5] iddeċidiet li s-sorveljanza bil-vidjo li "*tkopri, anki parzjalment, spazju pubbliku, u, minħabba f'hekk, tkun diretta 'l barra mill-isfera privata ta' dak li jwettaq l-ipproċessar tad-data b'dan il-mezz, hija* ***ma tistax titqies li hija attività purament "personali jew domestika"*** [enfasi miżjuda]. Dan ir-raġunament ġie wkoll ikkonfermat mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (it-"**Tribunal**") permezz tad-deċiżjoni *'Raymond u Mary Ann konjuġi Cutajar vs Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data'*.[6]

20. Illi in prinċipju, kwalunkwe pproċessar fl-ambitu tar-Regolament għandu jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament u kif ukoll id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* affettwati, u għaldaqstant, il-kontrollur tkun responsabbli sabiex turi kif l-attività ta' pproċessar kondotta minnha, hija, u se tkun, f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

21. Illi l-prinċipju tal-ipproċessar legali li huwa wieħed mill-prinċipji tal-ipproċessar tad-*data* jeħtieġ li kull operazzjoni tal-ipproċessar li tkun qiegħda ssir ai termini tar-Regolament ikollha bażi legali għall-ipproċessar. Għaldaqstant, l-artikolu 6(1) tar-Regolament jistipula x'jista' jikkostitwixxi tali bażi legali, filwaqt li jitqiesu wkoll il-prinċipji ewlenin l-oħra għall-ipproċessar tad-*data* kif stipulat fl-artikolu 5 tar-Regolament.

22. Illi l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[7] jispjega li kull bażi legali taħt l-artikolu 6(1) tar-Regolament jista' jipprovdi bażi għall-ipproċessar tad-*data* personali permezz tal-vidjo. Madankollu, fil-prattika, id-dispożizzjoni li tapplika għall-maġġor parti tal-każijiet huwa l-interess leġittimu tal-kontrollur ai termini tal-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament, u f'każijiet pjuttost eċċezzjonali, il-kunsens tas-suġġetti tad-*data*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa inekwivoku li l-ilmentatur ma tax il-kunsens tiegħu għal tali pproċessar permezz tal-kameras in kwistjoni.

---

[4] Kawża C-212/13, '*František Ryneš vs Úřad pro ochranu osobních údajů*', deċiża fil-11 ta' Diċembru 2014, paragrafu 22.
[5] Ibid, paragrafu 33.
[6] Appell Numru 4/2019, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2020.
[7] Linji Gwida 3/2019 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' apparat video, verżjoni 2.0, adottati fid-29 ta' Jannar 2020.

23. Illi skont il-prinċipju tar-responsabbiltà kif stabbilit fl-artikolu 5(2) tar-Regolament, il-kontrollur għandha turi kif it-tliet (3) kundizzjonijiet kumulattivi japplikaw, ċioè l-eżistenza ta' interess li huwa ta' natura leġittimu, li l-ipproċessar huwa tabilħaqq meħtieġ u neċessarju għall-finijiet tal-interessi leġittimi segwit mill-kontrollur fis-sens tal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data*, ai termini tal-artikolu 5(1)(c) tar-Regolament, u li dawn l-interessi ma jingħelbux mill-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*.

24. Illi l-Kummissarju jenfasizza li s-sorveljanza bil-vidjo tkun legali biss sabiex jintlaħaq xi skop ta' interess leġittimu segwit mill-kontrollur jekk dan l-interess huwa wieħed konkret u mhux fittizju jew spekulattiv. Nonostante dan, jekk is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-fini tal-artikolu 21 tar-Regolament, il-kontrollur irrid konkretament juri li huwa għandu interess leġittimu konvinċenti.

25. Illi skont il-Linji Gwida[8] tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, interess leġittimu jista' jkun preżenti f'dawn il-każijiet fejn hemm sitwazzjoni reali u ta' periklu, u dan l-interess irrid ikun jikkonċerna sitwazzjoni konkreta ta' diffikultà, bħal danni jew inċidenti serji fil-passat u dana qabel ma jibda l-ipproċessar permezz ta' sorveljanza. Madankollu, anke f'dawn l-istanzi, il-kamera għandha taqbad l-ispazju immedjat tal-proprjetà in kwistjoni.

26. Illi addizjonalment il-Kummissarju nnota d-deċiżjonijiet tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* rigward ipproċessar ta' *data* personali permezz tal-kameras, fejn ġie ripetutament stabbilit li persuna li twaħħal kamera tas-sorveljanza għandha strettament timmonitorja l-proprjetà privata tagħha, u dan ifisser li l-kamera jew kameras m'għandhomx sistematikament jissorveljaw spazju pubbliku u, jew proprjetà privata ta' terzi, sakemm f'ċirkustanzi eċċezzjonali ma jiġix ippruvat li tabilħaqq jeżisti interess leġittimu konvinċenti segwit mill-kontrollur.

27. Illi abbażi tal-kunsiderazzjonijiet t'hawn fuq, fir-rigward taż-żewġ (2) kameras installati ħdejn it-twieqi ta' mat-triq, il-Kummissarju ra l-*image grabs* tad-19 ta' Jannar 2026 meħudin mill-kameras u kkonkluda li dawn iż-żewġ kameras qegħdin jaqbdu l-proprjetà tal-kontrollur. Għaldaqstant, l-ipproċessar fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kameras qiegħed issir minn persuna fiżika waqt attività purament personali jew fid-dar. Dan ifisser li dawn il-kameras jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament.

---

[8] Ibid, supra (7).

28. Nonostante dan, fir-rigward tal-kamera l-oħra li hija suġġett ta' dan l-ilment, il-Kummissarju nnota s-sottomissjonijiet tal-ilmentatur kif ukoll ir-ritratti li kien ipprovda li juru l-qagħda ta' din il-kamera u kif ukoll il-prossimità ta' din il-kamera għall-bieb tal-komun tal-blokka ta' appartamenti. Mill-*image grab* li ġiet ipprovduta mill-kontrollur nhar id-19 ta' Jannar 2026, il-Kummissarju osserva li l-kamera kif inhi ppożizzjonata u angolata għal fuq il-ħajt ta' mal-bieb tal-entratura komuni tal-blokka qiegħda taqbad dan l-ispazju, u b'hekk, din il-kamera qiegħda tipproċessa d-*data* personali ta' kull individwu li jaċċessa dan l-ispazju komuni.

29. Huwa evidenti li l-ilmentatur – bħala suġġett tad-*data*, li jkollu jgħaddi mil-ispazju mmonitorjat permezz ta' din il-kamera ta' mal-pjazza, sabiex jaċċedi għar-residenza tiegħu – ma tax il-kunsens tiegħu sabiex id-*data* personali tiegħu tiġi pproċessata mil-kontrollur permezz ta' din il-kamera. Il-Kummissarju ikkunsidra allura jekk, il-kontrollur jistax ikollha xi interess leġittimu, ai termini tal-artikolu 6(1)(f) tar-Regolament, sabiex twettaq din l-attività ta' pproċessar.

30. Bħala parti mill-evalwazzjoni ta' l-eżistenza ta' interess leġittimu, il-kontrollur irid ikun jista' jipprova li l-ipproċessar huwa meħtieġ u m'hemmx mod inqas intrużiv li jista' jiġi adottat mill-kontrollur sabiex tilħaq l-objettiv maħsub u tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-ilmentatur, b'mod partikolari, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-*data* personali kif iggarantiti mill-artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

31. Il-Kummissarju jifhem li l-iskop assoċjat ma' din il-kamera se ikun qed imur oltre minn kwalunkwe interess leġittimu li l-kontrollur tkun tista' tistrieħ fuqu, il-għaliex hi ser tkun f'pożizzjoni li tista' taċċessa monitoraġġ, li jaqbad kull darba xi resident tal-blokka jitlaq jew jidħol minn fejn jgħix – inkluż allura l-ilmentatur bħala suġġett tad-*data* affettwat minn dan l-ipproċessar.

32. Dan wassal lill-Kummissarju sabiex jikkonkludi li l-kontrollur ma urietx b'mod konkret u effettiv li hemm bażi legali ai termini tal-artikolu 6(1) tar Regolament li jista' jilleġittima l-attività tal-ipproċessar li qed ssir permezz tal-kamera in kwistjoni. Il-monitoraġġ sistematiku u kontinwu ta' entratura komuni tal-blokka u ta' xi spazju pubbliku, li jwassal għall-ipproċessar ta' *data* personali tal-ilmentatur b'mod ġenerali u indiskriminatorju, jitqies li huwa illegali u bi ksur tad-drittijiet u l-libertajiet tiegħu.

33. Illi fid-deċiżjonijiet tat-Tribunal fl-ismijiet *Raymond Orland vs John Caruana* u *Matthew Bianco vs Philip Incorvaja*, fil-15 ta' Settembru 2022, it-Tribunal kkonferma d-deċiżjonijiet tal-

Kummissarju fejn il-kontrolluri ġew ordnati jwaqqfu l-attività ta' proċessar stante li kienu qegħdin jipproċessaw *data* personali mingħajr ebda bażi legali ai termini tal-artikolu 6(1) tar-Regolament.

**A bażi tas-suespost, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-attività ta' pproċessar kondotta mill-kontrollur permezz taż-żewġ (2) kameras tas-sorveljanza installati mal-faċċata ta' mat-triq u biswit it-twieqi tal-kontrollur, jaqgħu 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjali ai termini tal-artikolu 2(2)(c) tar-Regolament, stante li dawn il-kameras qegħdin jaqbdu l-proprjetà tal-kontrollur.**

**Illi fir-rigward tal-kamera l-oħra li taqbad l-entratura komuni tal-blokka ta' appartamenti, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi li l-attività ta' pproċessar mhijiex f'konformità mal-artikolu 6(1) tar-Regolament, u dan għaliex m'hemm l-ebda bażi legali li jippermetti lill-kontrollur sabiex tipproċessa d-*data* personali ta' kull individwu, inkluż l-ilmentatur, li jaċċessa dan l-ispazju komuni.**

**Ġialadarba ġie ddeterminat li l-kamera ma tistax tiġi angolata b'tali mod li tista' taqbad biss il-proprjetà tal-kontrollur, ai termini tal-artikolu 58(2)(f) tar-Regolament, il-Kummissarju qiegħed jordna lill-kontrollur sabiex twaqqaf l-attività ta' pproċessar billi tneħħi din il-kamera. Il-kontrollur għandha tirregolarizza ruħha in vista ta' din l-ordni mingħajr ebda dewmien żejjed u sa mhux iżjed tard minn għoxrin (20) jum mid-data li tiġi nnotifikata b'din id-deċiżjoni. Il-kontrollur qiegħda tiġi ordnata sabiex tinforma lill-Kummissarju bl-azzjoni korrettiva li tkun ittieħdet immedjatament, u tipprovdi evidenza fotografika li l-kamera tneħħiet. Din l-evidenza għandha tintbagħat permezz ta' *email* indirizzat lill-Kummissarju fuq idpc.cctv@idpc.org.mt**

**Nuqqas ta' konformità mal-ordni tal-Kummissarju fiż-żmien stipulat, il-kontrollur se tkun suġġetta għall-multa amministrattiva ai termini tal-artikolu 83(6) tar-Regolament.**

**Mingħajr preġudizzju għas-suespost, xejn ma jipprekludi lill-kontrollur milli tinstalla kamera esternament fuq il-proprjetà tagħha - li jkunu ta' natura fissa - li tkun qed tipproċessa l-perimetru tal-propjetà privata tagħha.**

[redacted]

**Ian Deguara**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**Illum, is-17 ta' Marzu, 2026**

**Dritt ta' Appell**

Il-partijiet qegħdin jiġu infurmati li skont l-artikolu 26(1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta), kull persuna li lilha tkun ġiet indirizzata deċiżjoni legalment vinkolanti, għandha jkollha d-dritt li tappella bil-miktub lit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tiġi notifikata bid-deċiżjoni[9]. L-appell għandu jiġi indirizzat lis-Segretarja:

Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*
158, Triq il-Merkanti, Valletta.

[9] Iżjed informazzjoni tinstab fuq il-websajt ta' dan l-Uffiċċju: https://idpc.org.mt/appeals-tribunal/